MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2003

Appell Civili Numru. 1558/1992/1

**Josette Magro, Herman Magro u Nathalie mart Dr. Raymond Galea u l-istess Dr. Raymond Galea bhala kap tal-kommunjoni tal-akkwisti mal-imsemmija martu**

**vs**

**Alfred Fenech bhala direttur ghan-nom u in rappresentanza ta' Sterling Holdings Company Limited gja maghrufa bhala A & P Jewellers Company Limited**

**Il-Qorti:**

Rat l-att ta' citazzjoni pprezentat fl-allura Qorti tal-Kummerc illi permezz tieghu l-atturi, wara illi ppremettew illi bl-iskrittura tat-13 ta' Settembru, 1990 kopja ta' liema hija esibita u markata Dokument A, huma kienu krew lis-socjetà konvenuta l-fond maghruf bhala Sorrento numru 82, Spring Street, Bugibba St. Paul's Bay; illi fost hwejjeg ohra l-partijiet kienu stipulaw [f']dik l-iskrittura li fil-kaz ta' kull trasferiment ta' ismha fil-fuq imsemmija socjetà konvenuta s-socjetà konvenuta thallas lill-atturi premium ekwivalenti ghal elf, u erbgha mija u sittin lira maltin; illi s-socji fil-kumpanija konvenuta kienu Alfred Fenech u Paul Fenech; illi bl-iskrittura tas-27 ta' Awissu, 1992 Paul Fenech ittrasferixxa sbatax il-elf mitejn u hamsin ordinary shares ta' Lm1 il-wiehed fis-socjetà konvenuta A & P Jewellers Limited lil Alfred Fenech, u bi skrittura ohra separata tas-26 ta' Awissu, 1992, l-istess Alfred Fenech ittrasferixxa sehem wiehed ta' Lm1 fl-istess socjetà lil Romina Fenech; u illi ghalhekk hemm dovuta premium equivalenti ghal elfejn disgha mija u ghoxrin lira maltija lis-socjetà konvenuta (*sic*) lill-atturi u dan a tenur tal-ftehim precitat hawn esibit u markat Dokument A; talbu ghaliex il-konvenut nomine m'ghandux jigi minn dik il-Qorti kkundannat ihallas is-somma ta' elfejn disgha mija u ghoxrin lira maltija (Lm2920) premium dovut skond il-fuq imsemmi ftehim ta' lokazzjoni tas-16 ta' Settembru 1991 (sic) u dan in vista tat-trasferimenti tal-ismha fuq imsemmija fis-socjetà konvenuta minn Paul Fenech lil Alfred Fenech u minn Alfred Fenech lil Romina Fenech, u dan flimkien mal-imghax kummercjali mid-data tal-pagament dovut u cioè fis-26 ta' Awissu, 1992 sad-data tal-pagament definittiv u flimkien mal-ispejjez tal-prezenti kawza, u bil-konvenut ingunt ghas-subizjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi, guramentata mill-attur Herman Magro, u l-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti relativi;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut nomine illi permezz taghha eccepixxa:

1. Illi l-ebda "premium" ma huwa dovut lill-atturi mill-eccipjent nomine ai termini tal-klawsola 6 tal-iskrittura in lite tat-13 ta' Settembru, 1990 (Dokument "A"), u dana

ghar-ragunijiet illi (i) a rigward it-trasferiment ta' 17,250 ismha effettwat bejn l-ahwa Paul Fenech u Alfred Fenech, dan ma jikkostitwix trasferiment lil terza persuna skond kif rikjest; (ii) rigward it-trasferiment ta' sehem wiehed effetwat bejn Alfred Fenech u bintu xebba Romina Fenech, billi dan it-trasferiment kien biss ta' sehem wiehed u mhux ta' diversi ishma (l-istess skrittura ssemmi "shares", a distinzjoni minn "share", u tonqos milli ssemmi "a share or shares"); (iii) billi qatt ma kien ikkontemplat mill-kontendenti fil-waqt materjali tal-ftehim, u certament ma kienx l-ispirtu tal-ftehim ta' bejniethom, illi xi "premium" kellu jkun pagabbli f'cirkostanzi simili u ghalhekk l-atturi ma humiex qieghdin jagixxu in buona fede f'din l-azzjoni billi qieghdin jippruvaw jaghtu interpretazzjoni ghal kollox skorretta u slejali ghall-klawsola 6 tal-iskrittua in lite; u (iv) f'kull kaz, billi l-iskrittura ma tistipulax illi kwalunkwe "premium" illi jista' jkun talvolta dovut lill-atturi huwa pagabbli mis-socjetà konvenuta bhala s-socjetà inkwilina - liema ragunijiet jigu spjegati u ppruvati ampjament ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

2. Illi ghaldaqstant it-talba attrici ghandha tigi michuda fl-interità taghha minn dik il-Qorti, bl-ispejjez kollha kontra l-istess atturi;

3. Salvi eccezzjonijiet ohra ulterjuri u sussegwenti;

Rat id-dkjarazzjoni guramentata tal-konvenut nomine u l-lista tax-xhieda relativa;

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-erbatax (14) ta' April, 2000 illi permezz taghha l-Qorti cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine, laqghet it-talba attrici u kkundannat lill-konvenut nomine ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta' Lm2920 bhala *premium* dovut skond il-ftehim ta' lokazzjoni msemmi ghaz-zewg trasferimenti ta' ishma li saru fis-26 ta' Awissu 1992, bl-imghax mid-data tan-notifika tac-citazzjoni u bl-ispejjez kontra l-konvenut nomine, u dana wara illi kkunsidrat hekk:

“Mill-provi jirrizulta li permezz ta’ skrittura tat-13 ta’ Settembru 1990 (Dok. A a fol. 5 sa 8) l-atturi kienu krew lis-socjetà konvenuta A & P Jewellers Co. Ltd. il-fond numru 82 u maghruf bhala “Sorrento”, fi Spring Street, Bugibba, St. Paul’s Bay. Fost affarijiet ohra, din l-iskrittura kienet tistipula hlas li jrid isir lis-sidien bhala *premium* f’kaz ta’ trasferiment ta’ ishma ta’ l-istess socjetà. Il-klawzola relattiva hija n-numru sitta (6) li se tigi hawn riprodotta testwalment:

“*The ‘Tenant Company’ is allowed to sublet or assign the premises in whole or in part to third parties, provided that the NEW TENANT is bound to pay a premium equivalent to one thousand four hundred and sixty Malta lire (Lm1460) made payable to ‘Landlords’.* ***<u>This clause applies also for any single or subsequent transfer of shares</u>****, changes in the capital structure of the company or its holders or issue of new shares in the name of new partners in the ‘Tenant Company’, in which case the same premium shall be paid. No letting or assigning of the lease or transfering of shares in the tenant company shall be allowed after the lapse of the twelve years from today …*

“*The above prohibition does not apply to a transfer of shares by way of inheritance*.” (sottolinear tal-Qorti)

“Jirrizulta li fis-26 ta’ Awissu 1992 saru zewg trasferimenti ta’ ishma: Paul Fenech ittrasferixxa lil Alfred Fenech 17,250 sehem u Alfred Fenech ittrasferixxa lil Romina Fenech sehem wiehed (Dok. B u C a fol. 9 sa 13). L-atturi, bhala s-sidien tal-fond imsemmi, qed jippretendu hlas minghand is-socjetà konvenuta tas-somma ta’ Lm2920, liema somma tirrapprezenta pagament ta’ Lm1460 ghal kull trasferiment a tenur tal-fuq citata klawzola numru sitta.

“Il-konvenut nomine qieghed jikkontesta din il-pretenzjoni u fin-nota ta’ eccezzjonijiet tieghu jsostni li:

1. it-trasferiment bejn Paul Fenech u Alfred Fenech ma jikkostitwix trasferiment lil terza persuna,

2. it-trasferiment ta’ sehem wiehed bhal dak bejn Alfred Fenech u Romina Fenech mhux kontemplat fl-iskrittura,

3. l-ispirtu tal-ftehim ma jikkontemplax hlas ta’ *premiums* f’cirkostanzi bhal dawk in ezami, u

4. l-iskrittura ma tistipulax li kwalunkwe *premium* li jista’ jkun dovut lill-atturi huwa pagabbli mis-socjetà konvenuta.

“Il-Qorti, wara li ezaminat l-iskrittura kollha in ezami u b’mod partikolari l-klawzola numru sitta (6), se tikkunsidra dawn il-punti rispettivament:

“1. Il-konvenut nomine qieghed jissottometti li t-trasferiment ta’ 17,250 sehem bejn Paul Fenech u Alfred Fenech ma jistax jitqies bhala trasferiment lil terza persuna peress li Paul Fenech u Alfred Fenech huma ahwa, it-tnejn dehru fuq l-iskrittura originali bhala l-unici azzjonisti fis-socjetà konvenuta u ghalhekk it-trasferiment li sar bejniethom kien trasferiment intern bejn zewg azzjonisti. Il-frazi taht skrutinju hija dik fuq sottolineata li “*this clause applies also for any single or subsequent transfer of shares*”. Irid jigi osservat li kumpanija ghandha personalità guridika distinta mill-membri taghha, li din il-frazi titkellem dwar ‘*any*’ trasferiment ta’ ishma u ghalhekk kull trasferiment minn azzjonist lil persuna ohra (anke jekk dik il-persuna hija digà azzjonista fl-istess kumpanija) huwa kopert minn din il-frazi. Inoltre, trasferiment kif imsejjah mill-konvenut nomine bhala “intern” ma hu b’ebda mod eskluz minn dik il-frazi ghax fi kwalunkwe kaz l-azzjonisti huma dejjem, fir-rigward tar-relazzjoni bejn is-sidien u s-socjetà konvenuta, “third parties”.

“2. Il-konvenut nomine jsostni wkoll li fuq it-trasferiment ta’ sehem wiehed minn Alfred Fenech lil Romina Fenech ma hu dovut l-ebda *premium*; dan kien trasferiment minn Alfred Fenech lil bintu peress li l-ligi tas-socjetajiet kummercjali ma kienitx tippermetti l-ezistenza ta’ socjetà kummercjali b’socju wiehed u l-frazi rilevanti titkellem dwar trasferiment ta’ ishma u mhux ghal trasferiment ta’

sehem wiehed. Kif tajjeb issottometta l-assistent gudizzjarju fir-relazzjoni tieghu f'dar-rigward l-interpretazzjoni logika ta' din il-frazi hi li "transfer of shares" jinkludi wkoll "transfer of one share" ghax ***il più comprende il meno***. U tajjeb ghamel li rrefera ghall-Interpretation Act (Kap 249 tal-Ligijiet ta' Malta) li ghalkemm japplika ghal ligijiet jista' b'analogija japplika ghall-kuntratti fejn l-artikolu 4 paragrafu (c) jipprovdi li "*words in the plural include the singular*". Il-Qorti hi tal-fehma li kieku l-partijiet riedu jeskludu milli jigi "penalizzat" it-trasferiment ta' sehem wiehed, dan kienu ighiduh bhalma in effetti jeskludu t-trasferiment ta' ishma permezz ta' wirt (kieku wiehed kellu jaccetta l-argument tal-konvenut nomine, wiehed jasal ghall-konkluzjoni illogika li filwaqt li t-trasferiment ta' **ishma** permezz ta' wirt mhuwiex penalizzat, it-trasferiment ta' **sehem wiehed** b'wirt ikollu jkun penalizzat peress li l-ahhar sentenza tal-klawzola numru sitta titkellem dwar "transfer of shares").

"3. Il-konvenut nomine jilmenta li fil-waqt materjali tal-ftehim qatt ma kien kontemplat li xi *premium* kellu jkun pagabbli f'xi cirkostanzi simili ghal dawk in ezami. Fil-fehma tal-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tiddipartixxi mill-massima ***contra testimonium scriptum testimonium non scriptum non fertur***. Huwa veru li l-klawzola taht skrutinju setghet inkitbet b'mod aktar dettaljat, izda s-sinjifikat taghha huwa evidenti u ssir riferenza ghaz-zewg paragrafi precedenti.

"4. Fl-ahharnett il-konvenut nomine jghid li l-klawzola in kwistjoni ma tipprovdix li kwalunkwe *premium* li jista' jkun talvolta dovut lill-atturi huwa pagabbli mis-socjetà konvenuta bhala s-socjetà inkwilina. Dwar dan il-punt il-konvenut nomine ma jamplifikax fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu. Fil-fatt hawn ukoll is-sinjifikat huwa evidenti, u cioè li l-atti kollha li ghalihom hemm riferenza fil-klawzola numru sitta (6) huma permessi biss taht kondizzjoni li jithallas il-*premium* stipulat, liema *premium* huwa dovut, f'kaz ta' sullokazzjoni jew assenjazzjoni min-"NEW TENANT" u fil-kazijiet l-ohra, peress li naturalment ma jkunx hemm tibdil tas-socjetà inkwilina, mill-istess socjetà inkwilina - ir-responsabbiltà

ghall-hlas vis-à-vis is-sidien tibqa' dejjem tat-"TENANT" ghax ir-relazzjoni guridika hija proprju bejn dawn il-partijiet, is-sid u l-inkwilin.
"Ghaldaqstant it-talba attrici timmerita li tigi milqugha."

Rat ir-rikors ta' l-appell tal-konvenut nomine illi bih, ghar-ragunijiet hemm esposti, talab illi dina l-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u minflok, filwaqt illi tilqa' l-eccezzjonijiet sollevati minnu, tichad it-talba ta' l-atturi appellati, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghhom;

Rat ir-risposta ta' l-appell ta' l-atturi (erroneament u b'*lapsus* evidenti indikati bhala konvenuti fl-istess risposta) illi biha, ghar-ragunijiet hemm esposti, issottomettew illi s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut;

Ezaminat l-atti kollha tal-kawza;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravju tas-socjetà konvenuta kontra s-sentenza appellata huwa, fi kliem ir-rikors ta' appell, "… illi l-ewwel Onorabbli Qorti kien imissha laqghet, u mhux cahdet, l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut nomine u b'hekk cahdet, u mhux laqghet, it-talba attrici …";

Ikkunsidrat:

Illi s-sentenza appellata tissintetizza tajjeb l-eccezzjonijiet tas-socjetà konvenuta fit-termini segwenti:

"1. it-trasferiment bejn Paul Fenech u Alfred Fenech ma jikkostitwix trasferiment lil terza persuna;

2. it-trasferiment ta' sehem wiehed bhal dak bejn Alfred Fenech u Romina Fenech mhux kontemplat fl-iskrittura;

3. l-ispirtu tal-ftehim ma jikkontemplax hlas ta' *premiums* f'cirkostanzi bhal dawk in ezami;

4. l-iskrittura ma tistipulax li kwalunkwe *premium* li jista' jkun dovut lill-atturi huwa pagabbli mis-socjetà konvenuta."

Fir-rikors ta' appell is-socjetà konvenuta taghti r-ragunijiet taghha ghaliex kull wahda mill-eccezzjonijiet hawn fuq riprodotti kellha tintlaqa' u mhux tigi rigettata mill-ewwel Qorti;

Ikkunsidrat ulterjorment:

Ir-raguni avanzata mis-socjetà appellanti ghaliex l-ewwel eccezzjoni taghha kellha tintlaqa' hija illi, jekk il-klawsola numru 6 hawn fuq imsemmija tigi konsidrata fit-totalità taghha, kif is-socjetà appellanti ssostni illi ghandu jsir, ghandu jirrizulta illi l-iskop tal-kontraenti kien, fi kliem ir-rikors ta' appell, "… illi f'kaz ta' trasferiment ta' xi ishma fis-socjetà <u>f'isem socji godda</u>, allura dana il-fatt jitqies bhala sullokazzjoni jew cessjoni tal-fond u r-rigal kontemplat fl-ewwel parti tal-istess klawsola 6 ikun dovut u pagabbli lil sid il-kera" (sottolinear tal-Qorti). Is-socjetà appellanti, sabiex issahhah dak illi qed issostni, kompliet tghid
"… illi l-klawsola 6 ma affettwatx kull trasferiment tal-ishma fis-socjetà inkwilina, izda biss dawk ir-trasferimenti tal-ishma illi jsiru '***in the name of new partners in the Tenant Company***';"

Din il-Qorti, wara illi ezaminat sewwa l-imsemmija klawsola 6, ma taqbilx ma' dan ir-ragunament tas-socjetà appellanti. Infatti, jirrizulta l-kuntrarju ta' dak illi qed tippretendi s-socjetà appellanti. Dana ghaliex, filwaqt illi l-ewwel parti ta' l-imsemmija klawsola 6 tistipula illi s-socjetà inkwilina ghandha l-fakoltà "to sublet or assign the premises to third parties", f'liema eventwalità jkun pagabbli *premium* lis-sid, skond it-tieni parti ta' l-istess klawsola dan il-*premium* ikun pagabbli ukoll f'kas ta' "… any single or subsequent transfer of shares, changes in the capital structure of the company or its holders or issue

of new shares in the name of new partners in the 'Tenant Company'." Wiehed malajr jinduna illi l-parti tal-klawsola 6 illi giet citata l-ahhar tipprospetta tlett eventwalitajiet distinti fejn ikun pagabbli l-*premium*, u cioè: (i) "single or subsequent transfer of shares"; (ii) "changes in the capital structure of the company or its holders"; u (iii) "issue of new shares in the name of new partners". Huwa <u>fil-kaz ta' (iii) biss</u> illi jissemmew "new partners" jew socji godda. Fil-kaz ta' (i) - u dan huwa l-kaz illi ghandha quddiemha dina l-Qorti - la jissemmew "third parties" u anqas "new partners". Dan ma jidhirx illi sar kapriccjozament izda jidher illi sar ghaliex hekk intendew il-kontraenti;

Illi, ghalhekk, l-aggravju tas-socjetà appellanti, kwantu jolqot l-ewwel eccezzjoni taghha, huwa nfondat;

Ikkunsidrat:

Illi anqas ma huwa fondat l-aggravju tas-socjetà appellanti kwantu jirrigwarda c-cahda tat-tieni (2) eccezzjoni taghha, dik illi l-klawsola numru 6 in kwistjoni ma tikkontemplax trasferiment ta' sehem wiehed ta' l-istess socjetà. Dina l-Qorti taqbel ma' dak illi qalet *in materia* l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata u ma ghandha xejn x'izzid mieghu;

Ikkunsidrat:

Illi t-tielet (3) eccezzjoni tas-socjetà konvenuta, fil-kliem illi bih issintetizzatha l-ewwel Qorti, hija illi "… l-ispirtu tal-ftehim ma jikkontemplax hlas ta' *premiums* f'cirkostanzi bhala dawk in ezami". L-ewwel Qorti kkonsidrat din l-eccezzjoni fil-parti enumerata "3." tas-sentenza appellata, fejn qalet biss hekk:

"Il-konvenut nomine jilmenta li fil-waqt materjali tal-ftehim qatt ma kien kontemplat li xi *premium* kellu jkun pagabbli f'xi cirkostanzi simili ghal dawk in ezami. Fil-fehma tal-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tiddipartixxi mill-massima ***contra testimonium scriptum testimonium non scriptum non fertur***. Huwa veru li l-klawzola taht skrutinju setghet inkitbet b'mod aktar dettaljat, izda s-

sinjifikat taghha huwa evidenti u ssir referenza ghaz-zewg paragrafi precedenti.”

Fil-fehma ta’ dina l-Qorti, il-parti tal-klawzola in kwistjoni illi kienet qed tirreferi ghaliha l-ewwel Qorti fil-bran appena citat tas-sentenza appellata hija s-segwenti:
“This clause applies also for any single or subsequent transfer of shares, …, in which case the same premium shall be paid.”

Dina l-Qorti taqbel illi ghall-kaz in ezami hija applikabbli l-massima bil-lingwa latina illi ccitat l-ewwel Qorti, però ma taqbilx mal-mod kif applikat il-parti rilevanti tal-klawzola in kwistjoni ghac-cirkostanzi ta’ fatt pertinenti ghall-materja issa in ezami. X’inhuma dawn ic-cirkostanzi kif jemergu mill-provi prodotti u illi dwarhom hemm qbil bejn il-kontendenti? Dawn ic-“cirkostanzi” huma:
(i) illi permezz ta’ skrittura privata datata sitta u ghoxrin (26) ta’ Awissu, 1992 (fol. 10) Paul Fenech, azzjonista fis-socjetà konvenuta, biegh l-ismha kollha tieghu lill-uniku azzjonista iehor ta’ dak iz-zmien ta’ l-istess socjetà, jigifieri huh Alfred Fenech, illi gie mharrek fil-kawza odjerna f’isem din is-socjetà;
(ii) illi permezz ta’ skrittura ohra privata, ukoll datata 26 ta’ Awissu, 1992 (fol. 12), l-imsemmi Alfred Fenech biegh sehem wiehed fis-socjetà konvenuta lil bintu Romina Fenech;

Minn ezami tal-partijiet enumerati “1.” u “2.” tas-sentenza appellata jirrizulta illi l-ewwel Qorti ikkonsidrat kull wahda mic-“cirkostanzi” imsemmija taht (i) u (ii) bhala “transfer of shares” u kkonkludiet illi f’kull wahda minn dawn ic-“cirkostanzi” s-socjetà konvenuta kienet tenuta thallas *premium* ta’ Lm1460 lill-atturi. Dina l-Qorti ma taqbilx ma’ din il-konsiderazzjoni u mal-konsegwenti konkluzjoni ghaliex, fil-fehma taghha, hawn *non si tratta* ta’ zewg tranzazzjonijiet illi huma “subsequent” ghal xulxin izda *si tratta* ta’ tranzazzjoni wahda illi, minhabba dak illi kienet tipprovdi l-ligi vigenti dak iz-zmien dwar is-socjetajiet kummercjali (Kap. 168), holqot il-htiega illi flimkien mat-trasferiment ta’ ismha minn Paul Fenech ghal Alfred Fenech isir trasferiment ta’ almenu sehem wiehed lil

persuna ohra, fil-kaz in ezami l-imsemmija Romina Fenech. Ghalhekk, fir-realtà, il-Qorti ghandha quddiemha "transfer of shares" wiehed u mhux tnejn, wiehed "subsequent" ghall-iehor. Konsegwentement, fil-kaz in ezami huwa dovut biss lill-atturi *premium* wiehed ta' Lm1460 u mhux zewg *premiums* ta' Lm1460-il wiehed. Ghalhekk, l-aggravju in ezami tas-socjetà appellanti huwa fondat fil-limiti hawn imsemmija;

Ikkunsidrat:

Illi dak illi qalet l-ewwel Qorti meta kienet qed tikkonsidra r-raba' (4) eccezzjoni tas-socjetà konvenuta huwa validu u huwa kondiviz minn dina l-Qorti. L-ewwel Qorti qalet hekk:
"… l-atti kollha li ghalihom hemm riferenza fil-klawzola numru sitta (6) huma permessi biss taht kondizzjoni li jithallas il-*premium* stipulat, liema *premium* huwa dovut, f'kaz ta' sullokazzjoni jew assenjazzjoni min-'NEW TENANT' u fil-kazijiet l-ohra [fosthom il-kaz in ezami] peress li naturalment ma jkunx hemm tibdil tas-socjetà inkwilina, mill-istess socjetà inkwilina - ir-responsabbiltà ghall-hlas vis-à-vis is-sidien tibqa' dejjem tat-'TENANT' ghax ir-relazzjoni guridika hija proprju bejn dawn il-partijiet, is-sid u l-inkwilin." (sottolinear ta' dina l-Qorti);

F'dan il-bran tas-sentenza appellata hemm dak kollu mehtieg biex juri illi s-sottomissjonijiet maghmula mis-socjetà konvenuta fir-rikors ta' appell taghha sabiex turi ghala kellha tigi akkolta r-raba' eccezzjoni taghha m'humiex validi;

Dak illi trid izzid dina l-Qorti huwa illi eccezzjoni simili ghal dik in ezami giet michuda fil-kawza fl-ismijiet *Ivor John Zammit vs. Henry Bosco Calleja pro et noe.*, deciza minn dina l-Qorti fid-dsatax (19) ta' Jannar, 1994 (Vol. LXXVIII-II-1). F'dik il-kawza *si trattava* minn klawzola f'kuntratt ta' subenfitewsi favur socjetà kummercjali illi kienet tistipula hekk: "*A recognition fee shall … be payable in the event of transfer of a share or shares of the Company.*" Effettivament kien sar trasferiment ta' azzjonijiet socjali ta' din is-socjetà kummercjali u meta din is-socjetà giet

imharrka sabiex thallas ir-*recognition fee* hija tat eccezzjoni illi hija ma akkwistat xejn u ma ttrasferiet xejn u, konsegwentement, xejn ma kien dovut minnha. Din l-eccezzjoni, kif ghadu kemm inghad, giet michuda;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi:

i. tirriforma s-sentenza appellata kwantu cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine u dana billi filwaqt illi tilqa', fil-limiti hawn fuq imsemmija, it-tielet eccezzjoni (dik indikata bhala 1(iii) fin-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut nomine), tikkonfermaha kwantu cahdet l-eccezzjonijiet l-ohra;

ii. tirriforma s-sentenza appellata billi tilqa' t-talba attrici limitatament ghas-somma ta' elf, erbgha mija u sittin lira maltija (Lm1460) u billi tikkundanna lill-konvenut nomine sabiex ihallas lill-atturi din is-somma ta' Lm1460;

iii. tikkonferma s-sentenza appellata kwantu ordnat illi jithallas l-imghax mid-data tan-notifika tac-citazzjoni;

iv. tirrevoka s-sentenza appellata kwantu ikkundannat lill-konvenut ihallas l-ispejjez u tordna illi l-ispejjez ta' l-ewwel istanza jigu sopportati kwantu ghal nofs (1/2) mill-atturi u kwantu ghal nofs (1/2) mill-konvenut nomine;

Tordna illi l-ispejjes ta' din l-istanza jigu sopportati kwantu ghal nofs (1/2) mill-atturi appellati u kwantu ghal nofs (1/2) mill-konvenut nomine appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------